MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 304/2010

**A B nee' C**
**vs**
**D E D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fid-29 ta' April 2008; li l-partijiet qatt ma ghexu flimkien wara z-zwieg; li z-zwieg huwa null peress illi l-kunsens matrimonjali ta' xi parti kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet jew xi parti, kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi dan iz-zwieg, u tordna d-debita registrazzjoni tas-sentenza; bl-ispejjez.

Rat li l-konvenut baqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, nkluzi l-affidavits prezentati mill-attrici;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fid-29 ta' April 2008 huwa null fil-ligi fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq indikati.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici kellha relazzjoni stabbli ma' certu Richard Barun, u kienet tikkoabita mieghu.

Illi ghal habta ta' Marzu 2008 dan is-sieheb taghha laqqaha mal-konvenut, u beda jinsisti li din tizzewweg lill-konvenut li huwa cittadin Egizzjan.

Illi eventwalment l-attrici cediet u fid-29 ta' April 2008 hija zzewget lill-konvenut, wara li kienet ilha tafu ftit anqas minn xaharejn, u meta kienet ghadha f' relazzjoni soda mas-sieheb taghha.

Illi wara z-zwieg il-konvenut qata' kull kuntatt ma' l-attrici li minn naha taghha kompliet tikkoabita mas-sieheb taghha. Tghid: *"Jiena u D qatt ma ghexna flimkien qatt ma ghamilna l-att taz-zwieg flimkien. Wara dak in-nhar* [taz-zwieg] *qatt ma ergajt rajt lil D jew kelli kuntatt mieghu."* L-attrici tkompli tistqarr: *"Jien qatt ma rcevejt flus jew xi oggetti biex nizzewweg lil D, u lanqas wara li ffirmajt il-karti qatt ma nghatajt xi rigali ghal din il-bicca xoghol."*[Fol.12]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Il-Qorti f'dan il-kaz tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplati fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu

precitat, stante li hadd mill-partijiet ma kellu l-intenzjoni li jghix il-hajja konjugali mal-parti l-ohra.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta' April 2008.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------